# TFAJJEL SAJJIED

*Ta'* Vincent Caruana

Jien rajtek taqbdu t-tmun b'dirgħajn ta' saħħa,
  U waħdek tmexxi l-qlugħ bil-ħsieb u r-rieda.
  Kull mewġa b'għaqal kbir toħodha magħha;
  Stħajjiltkom dħaltu. int u l-mewġ, fi ġlieda.

Rajt mewġa tqum bil-qawwa kollha tagħha,
  Imm'inti taf is-sengħa tas-sajjieda,
  W għalhekk għaraft il-mewġa kif tirbaħha,
  Li setgħet sa ftit qabel tkun qerrieda.

Nixtieq li bħalek fija wkoll tinbena
  Il-qawwa li wasslitek f'xatt il-bajja
  Rebbieħ bil-qlugħ, bla tibża' jew tinfena;

U bħalek ngħid : Ħa jiġi l-mewġ bil-qtajja'.
  Jien issa rrid nitgħallem dik is-sengħa,
  Li nidra nirbaħ biha l-Mewġ tal-Ħajja.